3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba u tad-drittijiet tad-difiża. Skont ir-rikorrenti, l-amministrazzjoni marret kontra d-dmir tagħha ta' premura, il-prinċipju ta' terminu raġonevoli, ir-regoli ta' kunfidenzjalità tal-investigazzjoni, id-drittijiet tad-difiża, il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-dritt ta' aċċess għall-fajl dixxiplinari.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali u fuq in-nuqqas ta' retroattività tar-regoli koerċitivi, inkwantu l-President tal-Parlament Ewropew u l-kumitat konsultattiv applikaw leġiżlazzjoni koerċittiva għal fatti li jippreċedu l-adozzjoni tagħha.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti titlob kumpens għad-danni morali u finanzjarji. Hija ssostni li l-mod kif tmexxiet l-investigazzjoni kellha bħala konsegwenza li tħammeġ ir-reputazzjoni tagħha u li ttelfilha l-possibbiltà li tippreżenta ruħha għall-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Ġunju 2019 — Ir-Renju Unit vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-363/19)

(2019/C 263/68)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: S. Brandon, aġent, P. Baker QC u T. Johnston, Barrister)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2019) 2526 tat-2 ta' April 2019 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.44896 implimentata mir-Renju Unit fir-rigward ta' CFC Group Financing Exemption;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, li jallega żball manifest ta' evalwazzjoni: identifikazzjoni tas-sistema ta' referenza ż-żbaljata.

   — Ir-rikorrent isostni li l-Kummissjoni wettqet żball meta sostniet li r-regoli dwar il-Controlled Foreign Company (il-kumpannija barranija kkontrollata) (iktar 'il quddiem iċ-"CFC") jipprovdu l-qafas adattat għal evalwazzjoni tal-paragunabbiltà (Premessa 107 tal-preambolu tad-deċiżjoni kkontestata).

   — Ir-Renju Unit jopera sistema ta' taxxa fuq il-kumpanniji (Corporation Tax, iktar 'il quddiem "CT") li hija fil-parti l-kbira territorjali: ġeneralment, huwa taxxabbli biss dħul derivanti mir-Renju Unit. B'hekk, il-punt tat-tluq rilevanti huwa li ebda taxxa ma hija dovuta fir-rigward ta' dħul minn sussidjarji barranin. Il-leġiżlazzjoni CFC tiddevja minn din il-pożizzjoni u tistabbilixxi numru ta' ċirkustanzi eċċezzjonali li fihom tista' tkun taxxa skont iċ-CFC. Għalhekk, is-sistema ta' riferenza adattata, hija l-qafas CT b'mod sħiħ. Ir-rikorrent isostni li l-Kummissjoni wettqet żball meta għażlet qafas ta' riferenza artifiċjalment dejjaq.

2. It-tieni motiv, li jallega li l-eżenzjonijiet li jinsabu fil-Kapitolu 9 tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 (l-Att tal-2010 dwar it-Taxxa (Internazzjonali u Dispożizzjonijiet oħra)) ma humiex derogi.

— L-għan tar-regoli CFC huwa li tiġi imposta taxxa CFC biss fir-rigward ta' dawk l-arranġamenti li huma ta' riskju għoli ta' abbuż/diverżjoni artifiċjali. Ir-Renju Unit għażel teknika leġiżlattiva li biha dan: (i) beda b'definizzjoni wiesgħa u inklużiva ta' CFC, u (ii) eskluda l-maġġoranza kbira ta' dħul idderivat minn CFC, sabiex jidentifika biss il-kategorija dejqa ta' dħul li jirrappreżenta riskju ta' abbuż/diverżjoni artifiċjali. Il-Kapitoli 5 u 9 tat-Taxation (International and Other Provisions) Act 2010 joperaw flimkien biex jiġu identifikati dawk l-arranġamenti li jirrappreżentaw riskju għoli ta' abbuż/diverżjoni artifiċjali.

— Ir-rikorrent iżid li l-Kummissjoni wettqet żball manifest meta qieset li l-imsemmija eżenzjonijiet tal-Kapitolu 9 huma deroga, għaliex iffokat fuq it-teknika leġiżlattiva użata, u mhux fuq l-għanijiet sottostanti tal-miżura.

— Fil-fehma tar-rikorrent, il-Kummissjoni qieset ukoll — b'mod żbaljat — li ma kien hem ebda distinzjoni rilevanti bejn Qualifying Loan Relationships (relazzjonijiet ta' self li jikkwalifikaw, "QLR") u relazzjonijiet ta' self li ma jikkwalifikawx (non-QLR). Il-Gvern tar-Renju Unit biss huwa f'pożizzjoni tajba biex jiddetermina liema tipi ta' arranġamenti jippreżentaw riskju għoli ta' abbuż/diverżjoni artifiċjali. Huwa allegat li l-Kummissjoni:

a. wettqet żball ta' liġi meta naqset milli tagħti lill-Gvern tar-Renju Unit marġni diskrezzjonali xieraq fl-evalwazzjoni tal-kwistjoni; u

b. wettqet żball manifest fl-evalwazzjoni tagħha tal-arranġamenti inkwistjoni.

3. It-tielet motiv, li jallega żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tas-selettività.

— Il-Kummissjoni wettqet żball meta ddeċidiet li r-Renju Unit kellu jibbaża ruħu biss fuq eżami ta' "significant people functions" (funzjonijiet ta' persuni sinifikanti. SPF), minflok milli fuq l-imsemmija Kapitoli 5 u 9 li joperaw flimkien. Din żbaljat ukoll meta ċaħdet l-evalwazzjoni li approċċ ibbażat fuq SPF biss kien ugwalment kumpless li jsir daqs approċċ ibbażat fuq investiment ta' capital m ir-Renju Unit.

— Ir-rikorrent isostni wkoll li l-Kummissjoni żbaljat ukoll meta ċaħdet il-pożizzjoni tar-Renju Unit li l-eżenzjonijiet tal-imsemmi Kapitolu 9 kienu risposta xierqa, proporzjonata u amministrattivament funzjonali għas-sentenza tal-Awla Manja fil-Kawża Cadbury Schweppes plc u Cadbury Schweppes Overseas Ltd. vs *Commissioners of Inland Revenue*, (Kawża C-196/04, EU:C:2006:544).

4. Ir-raba' motiv, li jallega li ma hem ebda impatt fuq il-kummerċ intra-Komunitarju.

— Finalment, ir-rikorrent jargumenta li l-Kummissjoni żbaljat meta qieset li l-imsemmija eċċezzjonijiet tal-Kapitolu 9 kienu jagħtu "vantaġġ" lil kull kumpannija b'mod li jkollu impatt fuq il-kummerċ intra-Komunitarju. Minflok, fil-fehma tar-rikorrent, dawn jipprovdu mekkaniżmu li bih tiġi imposta taxxa CFC fuq kumpanniji stabbiliti fir-Renju Unit f'numru żgħir ta' każijiet. Fiż-żmien rilevanti (2013) ma kien hemm ebda obbligu intra-Komunitarju li jiġu impost taxxi fuq dħul ta' CFC, u l-Kummissjoni ma rnexxilhiex tipprova li l-imsemmija eċċezzjonijiet tal-Kapitolu 9 jipprovdu xi tip ta' vantaġġ, meta mqabbel mal-obbligi impost fi Stati Membri oħra, li jaffettwa l-kummerċ intra-Komunitarju.